**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 427/2019 AGV ;</u>**

**A sive B C**

**Vs**

**DE C li b' digriet tat- 3 ta' Marzu 2020, gie ikkoregut kunjomha ghal F.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' A BC** datat 18 ta' Settembru 2019, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-23 ta' Settembru 1997, fil-Parrocca ta' San Nikola Siggiewi u dan kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Peress illi minn daz-zwieg twieldu zewg ulied, li inghataw l-isem ta' G u H C, li llum il-gurnata huma maggorrenni;

3. Peress li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin li sseperaw minn xulxin u dan ferm qabel sar il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. B;
4. Peress li l-partijiet huma domicjalti f' Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment;
5. Peress li ma hemm ebda possiblita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minn barra li ilhom izjed minn erba' snin mifrudin, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghal ragunijiet premessi ghaliex ma ghandux din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja moghtija l-provvedimenti opportuni;
Tiddikjara u tipprounzja id-divorzju bejn l-partijiet u tordna li wara li jghaddi iz-zmien utili skont il-Ligi, kopja tad-digriet relattiv tigi kkomunikata lid-direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex jigi debitament registrat skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 3 ta' Marzu 2020, dehret Dr. Louise Anne Pulis, li ddikjarat li l-intimata qed toggezzjona ghal tali divorzju peress li ghad hemm arretrati ta' manteniment dovut lilha, fil-waqt li l-Qorti tosserva li l-intimata ma pprezentatx ir-risposta entro terminu wara li giet debitament notifkata fit-23 ta' Jannar 2020.

Dr. Josephine Mifsud Farrugia ghar-rikorrenti talbet li ssir korrezzjoni fil-kunjom tal-konvenuta minn C ghal F, u l-Qorti laqghet it-talba u tali korrezzjoni saret fit-3 ta' Marzu.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tal-lum 7 ta' Lulju 2020, l-intimata xorta wahda ma pprezentatx risposta ghalhekk, il-Qorti iddikjarat il-provi maghluqa, u ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**